**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 4 ta' Dicembru, 2017

**Il- Pulizija**
**(Spettur Frank Tabone)**

**-vs-**

**Carl Alvin Portelli detentur tal-Passaport Brittaniku numru 700590671 mahrug mill-British High Commission, f'Malta nhar l-10 ta' Dicembru, 1992.**

*Kumpilazzjoni Nru. 94/2000*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat **Carl Alvin Portelli** u ċioè talli:

F'dawn il-Gzejjer fil-5 ta' Gunju 1999 u f'dan l-ahhar xahar qabel din id-data, **forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga erojina**, specifikata fl-ewwel skeda ta l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt

taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta;

F'dawn il-Gzejjer fil-5 ta' Gunju 1999 u f'dawn l-ahhar tnax il-xahar qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni moghtija mill-Avukat Generali ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta tas-6 ta' Novembru, 2017 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz quddiem dina l-Qorti bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali.[1]

Ikkunsidrat,

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-1999, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fit-23 ta' Jannar, 2017.

Semghet lill-prosekuzzjoni tiddikjara li l-kondotta tal-imputat tammonta ghal *'trafficking by sharing'*.

Rat li fis-seduta tallum, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

[1] Fol.280

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnhu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li qed tinstab htija dwaru, il-fedina penali tieghu, l-ammissjoni tieghu li wasslet wara li nhareg il-kontro-ordni tal-Avukat Generali u tac-cirkostanzi l-ohra kollha mhux l-inqas it-trapass taz-zmien minn meta twettaq ir-reat fejn l-akkuzat kien ghad ghandu biss 23 sena. Fic-cirkostanzi piena karcerarja ma tkunx wahda idoneja.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u l-proviso ghall-artikolu 22(9)tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjara 101.02, l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu IX Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tiehu u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' €700 kif ukoll wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena millum.

Tordna li l-multa imposta ghandha tithallas fi zmien tlett xhur millum..

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti qed tordna biss il-hlas tal-ispejjez peritali unikament fl-ammont ta' €62.31 rapprezentanti l-ammont ta' LM26.75 in kwantu ghar-relazzjoni tal-ispizjar Mario Mifsud, espert mahtur fil-kumpilazzjoni.[2] Mhix qed tapplika l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali fir-rigward tal-esperti l-ohra mahtura fl-

[2] Fol.7

inkjesta għaliex din l-inkjesta saret qabel is-16 ta' Jannar, 2006, meta iddahhlu fis-sehh l-emendi ghal dan l-artikolu.[3]

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**

---

[3] Kien bl-Att XIII tal-2005 li kien gie emendat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali fejn fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 533 tal-Kodiçi, il-kliem "u jekk il-prosekutur jag[mel talba g[aldaqshekk" thassru u minnufih wara l-kliem "esperti jew periti fil-proçeduri", gew mizjuda l-kliem "inkluzi dawk ta' l-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-proçess verbal ta' l-inkjesta,".